

## REGOLAMENTI

### REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 110/2014

tat-30 ta' Settembru 2013

dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata imsemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 209 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ibbażat fuq l-esperjenza bi sħubijiet pubbliċi privati istituzzjonalizzati bħala korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>(2)</sup>, introduċa kategoriji addizzjonali ta' sħubijiet pubbliċi privati sabiex tiżdied l-għażla ta' strumenti u jiġu inklużi korpi li r-regoli tagħhom huma aktar flessibbli u aċċessibbli għall-imsieħba privati minn dawk applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fost dawk il-kategoriji addizzjonali huma l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata (minn hawn 'il quddiem "korpi PPP").
- (2) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni u biex korpi tal-PPP ikunu jistgħu jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom stess, huwa neċessarju li jiġi adottat mudell ta' regolament finanzjarju għal dawk il-korpi.
- (3) Korpi PPP għandhom jistabilixxu u jimplementaw il-baġit tagħhom f'konformità mal-prinċipji tal-unità, l-akkuratezza baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibrju, l-unità tal-kontijiet, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba, li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti, u t-trasparenza kif imniżżel f'dan ir-Regolament.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ġenerali tal-kompiti u l-attivitajiet ta' korp PPP, huwa għandu jkun jista' jdaħħal l-appropriazzjonijiet mhux użati għal sena partikolari fl-estimu tad-dħul u n-nefqa sa tliet snin finanzjarji li jsegwu.
- (5) Billi l-fondi tal-Unjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' korp PPP għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta prevista fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, id-dispożizzjonijiet dwar l-ippjanar finanzjarju u r-rappurtar għandhom ikunu konsistenti mal-metodu ta' ġestjoni indiretta tal-implimentazzjoni tal-baġit. Il-kwittanza tal-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-korpi PPP għandha tkun parti mill-kwittanza mogħtija mill-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Għalhekk, rappurtar annwali adegwat, inkluż is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' ġestjoni, għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, li jippermetti lill-Kummissjoni li tassumi aħjar ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-kwittanza.
- (6) Huwa neċessarju li jiġu definiti l-poteri u r-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tal-kontabilità u tal-uffiċjali awtorizzanti b'kunsiderazzjoni għan-natura pubblika-privata tal-korpi PPP. L-uffiċjali awtorizzanti għandhom ikunu kompletament responsabbli għall-operazzjonijiet kollha tad-dħul u n-nefqa eżegwiti permezz tal-awtorità tagħhom u għandhom ikunu miżmuma responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, inklużi, meta meħtieġ, permezz ta' proċedimenti dixxiplinarji.
- (7) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-diviżjoni tal-funzjonijiet tal-awditjar intern u dawk tal-kontroll intern u li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rappurtar. Il-funzjoni tal-awditjar intern fi ħdan il-korpi PPP għandha tkun imwettqa mill-awditur intern tal-Kummissjoni li għandu jwettaq awditi meta dawn ikunu ġġustifikat mir-riskji involuti. Dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' kapaċitajiet ta' awditjar intern għandhom jiġu introdotti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estmi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

- (8) Sabiex jiġi garantit li kull korp huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu u jkunu rrispettati l-oġġettivi assenjati lillu meta kien stabbilit, il-korpi PPP għandhom ikunu permissi, għat-twettiq tal-kompiti fdati lillhom, jimpjegaw korpi esterni tas-settur privat fejn meħtieġ biss u mhux għal kompiti li jinvolvu xi missjoni ta' servizz pubbliku jew kwalunkwe użu tal-poteri diskrezzjonali ta' ġudizju.
- (9) Il-prinċipji li għandhom jiġu segwiti f'dak li jirrigwarda l-operazzjonijiet tad-dħul u tan-nefqa ta' korp PPP għandhom jiġu stabbiliti.
- (10) Minħabba n-natura pubblika-privata tal-korpi PPP u b'mod partikolari l-kontribut tas-settur privat għall-baġit tal-korp PPP, proċeduri flessibbli għall-għoti ta' kuntratti ta' akkwist għandhom ikunu permissi. Il-proċeduri rilevanti għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' trasparenza, proporzjonalità, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni u parzjalment jitbiegħdu mid-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 <sup>(1)</sup>. Huwa meħtieġ li tkun żgurata l-provvista ta' merkanzija u servizzi aħjar u orħos, kif ukoll l-evitar ta' kostiejt eċċessivi fil-ġestjoni ta' proċeduri ta' akkwist permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fost il-membri tal-korpi PPP. Għalhekk il-korpi PPP għandhom ikollhom ukoll il-possibbiltà li jikkonkludu kuntratti mingħajr ma jkun hemm rikors għal proċedura ta' akkwist mal-membri tagħhom ħlief l-Unjoni għall-provvista ta' prodotti jew ta' servizzi jew għat-twettiq ta' xogħol li daww il-membri jipprovdu direttament, mingħajr rikors għal partijiet terzi.
- (11) Sabiex titjieb il-kosteffiċjenza, il-possibbiltà ta' kondivizzjoni tas-servizzi jew it-trasferiment tagħhom lil korp ieħor jew lill-Kummissjoni għandha tkun ipprovduta, b'mod partikolari billi tippermetti li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni huwa inkarigat bil-kompiti kollha jew parti minnhom tal-uffiċjal tal-kontabilità ta' korp PPP.
- (12) Għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal għotjiet, proġetti u offerti u biex jiġu pprovduti opinjonijiet u pariri f'każijiet speċifiċi, il-korpi PPP għandhom ikunu jistgħu jużaw esperti esterni. Dawn l-esperti għandhom jintgħażlu skont il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trattament indaqs u assenza ta' kunflitt ta' interessi.
- (13) Fl-għotja ta' għotjiet u premijiet, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012, suġġetti għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika tal-istrument kostitwenti tal-korp PPP jew tal-att bażiku tal-programm li l-implimentazzjoni tiegħu hija fdata lil korp PPP sabiex tkun żgurata implimentazzjoni koerenti mal-azzjonijiet li huma amministrati direttament mill-Kummissjoni.

- (14) Fejn il-kontijiet ta' korpi PPP għandhom bżonn jiġu konsolidati skont ir-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ir-regoli tal-kontabilità li jiġu applikati mill-korpi PPP għandhom jippermettu tali konsolidazzjoni.
- (15) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sabiex tkun tista' ssir l-adozzjoni f'waqtha tar-regolamenti finanzjarji riveduti tal-korpi PPP mill-1 ta' Jannar 2014 sabiex jiġu żgurati regoli koerenti tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU 1

### AMBITU

#### Artikolu 1

#### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji essenzjali abbażi ta' liema korp ta' Sħubija Pubblika-Privata (minn hawn' il quddiem "korp PPP") jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu. Ir-regoli finanzjarji tal-korp PPP ma jitbiegħdux minn dan ir-Regolament għajr meta l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu jirrikjedi dan u bil-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Kull korp PPP jadotta dispożizzjonijiet dettaljati li jimplementaw dawn il-prinċipji fir-regoli finanzjarji tiegħu.

#### Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "bord ta' tmexxija" tfisser il-korp intern ewlini tal-korp PPP li għandha r-responsabilità li tiegħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet finanzjarji u baġitarji, irrispettivament mill-isem li nġhata fl-istrument kostitwenti tal-korp PPP,
- "direttur" tfisser il-persuna li għandha r-responsabilità li timplimenta d-deċiżjonijiet tal-bord ta' tmexxija u l-baġit tal-korp PPP bħala uffiċjal li jawtorizza, irrispettivament mit-titolu mogħti lillu/ħa fl-istrument kostitwenti tal-korp PPP,
- "membru" tfisser membru tal-korp PPP skont l-istrument kostitwenti,
- "strument kostitwenti" tfisser l-istrument tal-liġi tal-Unjoni li jirregola l-aspetti ewlenin tat-twaqqif u t-tħaddim tal-korp PPP,

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

— “baġit tal-korp PPP” tfisser l-istrument li, għal kull sena finanzjarja, ibassar u jawtorizza d-dħul u n-nefqa kollha meqjusa neċessarji għall-korp PPP.

#### Artikolu 3

##### Ambitu tal-baġit

Il-baġit tal-korp PPP jikkonsisti minn:

- (a) id-dħul tal-korp PPP, li jinkludi:
  - (i) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri tiegħu għall-kostijiet amministrattivi;
  - (ii) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri tiegħu għall-kostijiet operazzjonali;
  - (iii) dħul assenjat lill-elementi speċifiċi tan-nefqa;
  - (iv) kull dħul iġġenerat mill-korp PPP;
- (b) in-nefqa tal-korp PPP, inkluż nefqa amministrattiva.

#### KAPITOLU 2

##### PRINĊIPJI BAĠITARJI

#### Artikolu 4

##### Ripett għall-prinċipji baġitarji

Il-baġit tal-korp PPP ikun stabbilit u implimentat f'konformità mal-prinċipji tal-unità, l-akkuratezza baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibrju, l-unità tal-kontijiet, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti, u t-trasparenza kif imniżżel f'dan ir-Regolament.

#### Artikolu 5

##### Prinċipji tal-unità u tal-preċiżjoni baġitarja

1. L-ebda dħul ma għandu jiġabar u l-ebda nefqa ma għandha ssir sakemm dawn ma jkunux allokati f'linja baġitarja tal-korp PPP.
2. L-ebda nefqa ma tista' tkun impenjata jew awtprizzata lil hinn mill-appropjazzjonijiet awtorizzati mill-baġit tal-korp PPP.
3. Appropjazzjoni tista' tkun imdaħħla fil-baġit tal-korp PPP biss jekk din tkun għal element ta' nefqa meqjus bħala meħtieġ.
4. L-imgħaxijiet iġġenerati mill-ħlasijiet ta' prefinanzjament magħmula mill-baġit ta' korp PPP ma jkunux dovuti lill-korp PPP.

#### Artikolu 6

##### Prinċipju tal-annwalità

1. L-appropjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-korp PPP jkunu awtorizzati għal sena finanzjarja li tkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.
2. L-appropjazzjonijiet ta' impenn ikopru l-kost totali tal-impenji legali assunti matul is-sena finanzjarja.

3. L-appropjazzjonijiet ta' pagament jkopru l-pagamenti magħmula biex jonoraw l-impenji legali li jsiru matul is-sena finanzjarja jew fi snin finanzjarji preċedenti.

4. Għall-appropjazzjonijiet amministrattivi, in-nefqa m'għandiex teċċedi d-dħul mistenni għas-sena kif imsemmi fl-Artikolu 3(a)(i).

5. Minħabba l-ħtiġijiet tal-korp PPP, l-appropjazzjonijiet mhux użati jistgħu jiddaħħlu fl-estimi tad-dħul u n-nefqa sat-tliet snin finanzjarji li jsegwu. Dawn l-appropjazzjonijiet għandhom jintużaw l-ewwel.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma jwaqqfux l-impenji tal-baġit għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda milli jkunu maqsuma matul diversi snin fi ħlasijiet annwali biss meta l-att bażiku hekk jipprovdni jew fejn ikunu relatati man-nefqa amministrattiva.

#### Artikolu 7

##### Prinċipju tal-ekwilibrju

1. Id-dħul u l-appropjazzjonijiet ta' pagament ikunu bbilanċjati.
2. Appropjazzjonijiet għall-impenji annwali m'għandhomx jaqbu l-kontribuzzjoni rilevanti tal-Unjoni kif stabbilit fil-ftehim tat-trasferiment annwali tal-fondi mal-Kummissjoni, flimkien ma' kontribuzzjonijiet annwali minn Membri oħra għajr l-Unjoni, kull dħul ieħor imsemmi fl-Artikolu 3 u l-ammont ta' appropjazzjonijiet mhux użati msemmija fl-Artikolu 6(5).
3. Il-korp PPP ma jistgħax jidħol għal self fil-qafas tal-baġit tal-korp PPP.
4. Jekk ir-riżultat tal-baġit huwa pożittiv, dan jiddaħħal fil-baġit tas-sena finanzjarja ta' wara bħala dħul.

Jekk ir-riżultat tal-baġit huwa negattiv, dan jiddaħħal fil-baġit tas-sena finanzjarja ta' wara bħala appropjazzjonijiet ta' pagament.

#### Artikolu 8

##### Prinċipju tal-unità tal-kontijiet

Il-baġit tal-korp PPP jiġi mfassal u jkun implementat feuro u l-kontijiet jiġu ppreżentati feuro. Madankollu, minħabba raġunijiet ta' fluss tal-flus, l-uffiċjal tal-kontabilità jkun awtorizzat li jwettaq operazzjonijiet f'muniti oħra kif preskritt fir-regoli finanzjarji tal-korp PPP.

#### Artikolu 9

##### Prinċipju tal-universalità

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, id-dħul totali jkopri l-appropjazzjonijiet ta' pagament totali. Id-dħul u n-nefqa kollha jkunu rreġistrati bis-sħiħ mingħajr ebda aġġustament kontra xulxin, suġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni fir-regoli finanzjarji tal-korp PPP dwar każijiet fejn ċerti deduzzjonijiet jistgħu jsiru minn talbiet għal pagament, li imbagħad ikunu mgħoddija għall-pagament tal-ammont nett.

2. Id-dħul assenjat għal skop speċifiku, bħal ma huwa l-introjt minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati, jintuża għall-finanzjament ta' oġġetti speċifiċi ta' nefqa.

3. Id-direttur jista' jilqa' kull donazzjoni li ssir lill-korp PPP, bħalma huma fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati.

Aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet li jistgħu jinvolvu tariffa finanzjarja sinifikanti jkunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-bord ta' tmexxija, li jrid jiddeċiedi fi żmien xahrejn mid-data li tingħatalu t-talba. Jekk il-bord ta' tmexxija ma jiħux deċiżjoni f'dak iż-żmien, id-donazzjoni titqies milqugħa.

L-ammont li l-fuq minnu t-tariffa finanzjarja involuta hija kkunsidrata sinifikanti jiġi stabbilit b'deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija.

#### Artikolu 10

##### Prinċipju tal-ispeċifikazzjoni

1. L-appropriazzjonijiet ikunu assenjati għal skopijiet speċifiċi skont it-titolu u l-kapitolu.

2. Id-direttur jista' jittrasferixxi appropriazzjonijiet minn kapitolu għal ieħor mingħajr limitu u minn titolu għal ieħor sa massimu ta' 10 % tal-appropriazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment.

Lil hinn mil-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu, id-direttur jista' jipproponi trasferimenti ta' appropriazzjonijiet minn titolu għal ieħor lill-bord ta' tmexxija. Il-bord ta' tmexxija għandu żmien ta' tliet ġimgħat biex jopponi dawn it-trasferimenti. Wara dan il-limitu ta' żmien, it-trasferimenti jitqiesu adottati.

Id-direttur jinforma lill-bord ta' tmexxija kemm jista' jkun malajr dwar it-trasferimenti kollha mwettqa taħt l-ewwel subparagrafu.

#### Artikolu 11

##### Prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba

1. L-appropriazzjonijiet ikunu użati b'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, jiġifieri skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja.

2. Il-prinċipju tal-ekonomija jitlob li r-riżorsi li juża l-korp PPP għall-attivitajiet tiegħu jridu jkunu disponibbli fiż-żmien dovut, fi kwantitajiet u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz.

Il-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn iriżorsi użati u r-riżultati miksuba.

Il-prinċipju tal-effikaċja jikkonċerna l-kisba tal-oġġetti speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati pjanati.

3. Oġġetti speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jinkisbu, relevanti u bi skadenza jkunu stabbiliti għas-setturi kollha tal-attività koperta bil-baġit tal-korp PPP. Il-kisba ta' dawk l-oġġetti tkun monitorjata permezz ta' indikaturi tal-imġiba għal kull attività, u tingħata informazzjoni lill-bord ta' tmexxija mid-Direttur kull sena u l-aktar tard fid-dokumenti li jakkompanjaw l-abbozz preliminari tal-baġit tal-korp PPP.

4. Sakemm l-istrument kostitwenti ma jipprovdi biex l-evalwazzjonijiet ikunu mwettqa mill-Kummissjoni, il-korp PPP, sabiex jittejjeb it-tehdid tad-deċiżjonijiet, iwettaq evalwazzjonijiet, inklużi l-evalwazzjonijiet *ex post*, tal-programmi u l-attivitajiet tiegħu li jinvolvu nefqa sinifikanti u r-riżultati tal-evalwazzjoni intbagħtu lill-bord ta' tmexxija.

#### Artikolu 12

##### Kontroll intern tal-implimentazzjoni baġitarja

1. Il-baġit tal-korp PPP jiġi implimentat skont kontroll intern effettiv u effiċjenti.

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp PPP, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha tal-ġestjoni u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni rago-nevoli għall-kisba tal-oġġetti li ġejjin:

- (a) l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet;
- (b) l-affidabilità tar-rappurtar;
- (c) is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni;
- (d) il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu tal-frodi u l-irregolaritajiet;
- (e) ġestjoni adegwata tar-riskji marbutin mal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti, b'kont meħud tal-karattru pluriennali tal-programmi kif ukoll tan-natura tal-ħlasijiet involuti.

3. Kontroll intern effettiv u effiċjenti jkunu bbażat fuq l-aħjar prattiki internazzjonali u jinkludi b'mod partikolari, l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 32(3) u (4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'kunsiderazzjoni għall-istruttura u d-daqs tal-korp PPP, in-natura tal-kompiti fdati lilu u l-ammonti u r-riskji finanzjarji u operazzjonali involuti.

#### Artikolu 13

##### Prinċipju tat-trasparenza

1. Il-baġit tal-korp PPP jiġi stabbilit u implimentat u l-kontijiet ippreżentati b'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

2. Il-baġit tal-korp PPP inkluż il-pjan ta' stabbiliment u l-baġits emendatorji, kif adottati, inkluż kwalunkwe adattament kif previst fl-Artikolu 15(1), jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tal-korp PPP fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tagħhom u jiġu trasmessi lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdi-turi.

3. Il-korp PPP jagħmel disponibbli fuq is-sit tal-Internet tiegħu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena finanzjarja ta' wara, informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-fondi li joħorġu mill-baġit tiegħu, skont il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012, skont preżen-tazzjoni standardizzata.

Il-pubblikazzjoni tkun faċilment aċċessibbli, trasparenti u komprensiva. Din l-informazzjoni tkun disponibbli filwaqt li jkunu debitament osservati r-reqwiżiti tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà, b'mod partikolari l-ħarsien tad-dejta personali kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>.

4. L-esperti ikkuntrattati skont l-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ppubblikati fuq website tal-Unjoni.

#### KAPITOLU 3

### PJANIFIKAZZJONI FINANZJARJA

#### Artikolu 14

#### Estimi ta' dħul u nfiq

1. Il-korp PPP jibgħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' qabel dik li fiha l-baġit tal-korp PPP għandu jiġi implimentat estimu tad-dħul u n-nefqa tiegħu u l-linji gwida ġenerali li fuqhom ikun ibbażat dan l-estimu, flimkien mal-programm ta' ħidma tiegħu msemmi fl-Artikolu 31(4).
2. L-estimu tad-dħul u n-nefqa tal-korp PPP jinkludi:
  - (a) estimu tan-numru ta' karigi permanenti u temporanji, skont il-grupp tal-funzjoni u skont il-grad, kif ukoll tal-persunal bil-kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti ta' full-time, fil-limiti tal-approprijazzjonijiet tal-baġit;
  - (b) f'każ ta' varjazzjoni fl-għadd ta' persunal, dikjarazzjoni li tiġġustifika t-talbiet għal impjiegi ġodda;
  - (c) (c) estimu ta' kull tlett xhur ta' pagamenti bi flus u riċevuti;
  - (d) informazzjoni dwar il-ksib tal-oġġettivi kollha li ġew stabbiliti minn qabel għall-attivitàjiet varji;
  - (e) il-miri stabbiliti għas-sena finanzjarja kkonċernata mill-abbozz tal-baġit, fejn jiġu indikati l-bżonnijiet baġitarji speċifiċi ddedikati biex jinkisbu dawn il-miri,
  - (f) il-kostijiet amministrattivi u l-baġit implimentat tal-korp PPP fis-sena finanzjarja preċedenti;
  - (g) l-ammont tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji magħmula mill-membri u l-valur tal-kontribuzzjonijiet in natura magħmula mill-membri, minbarra l-Unjoni;
  - (h) informazzjoni dwar l-approprijazzjonijiet mhux użati li jiddaħħlu fl-estimi tad-dħul u n-nefqa skont is-sena skont l-Artikolu 6(5).

#### Artikolu 15

#### Stabbiliment tal-baġit

1. Il-baġit tal-korp PPP u l-pjan tal-istabbiliment tal-persunal, inkluż l-għadd ta' karigi permanenti u temporanji skont il-grupp tal-funzjoni u skont il-grad u kkomplementat bin-numru ta' persunal bil-kuntratt u ta' esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti ta' full-time, jiġu adottati mill-bord ta' tmexxija

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u rigward il-moviment ħieles ta' din id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

skont l-istrument kostitwenti tal-korp PPP. Dispożizzjonijiet dettaljati jistgħu jiġu stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-korp PPP. Kull emenda għall-baġit tal-korp PPP, inkluż il-pjan ta' stabbiliment, tkun is-suġġett ta' baġit emendatorju tal-korp PPP addottat bl-istess proċedura tal-baġit inizjali tal-korp PPP. Il-baġit tal-korp PPP u, fejn xieraq, il-baġits ta' emenda tal-korp PPP ikunu adattati sabiex jitqis l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni kif stabbiliti fil-baġit tal-Unjoni.

2. Il-baġit tal-korp PPP jkun magħmul minn rendikont ta' dħul u rendikont ta' nefqa.

3. Il-baġit tal-korp PPP juri:

(a) fir-rendikont tad-dħul:

(i) l-estimi tad-dħul tal-korp PPP għas-sena finanzjarja kkonċernata ("sena n");

(ii) id-dħul stmat għas-sena finanzjarja preċedenti u d-dħul għas-sena n-2;

(iii) rimarki xierqa fuq kull linja ta' dħul;

(b) fir-rendikont tan-nefqa:

(i) l-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena n;

(ii) l-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena finanzjarja preċedenti u n-nefqa impenjata u n-nefqa mħallsa fis-sena n-2, b'din tal-aħħar espressa wkoll bħala perċentwali tal-baġit tal-korp PPP tas-sena n;

(iii) rendikont fil-qosor ta' kif se jsiru l-pagamenti dovuti fis-sena finanzjarji ta' wara biex jintlaħqu l-impenji tal-baġit mibdiġin fi snin finanzjarji ta' qabel;

(iv) rimarki xierqa għal kull sottodivizjoni.

4. Il-pjan ta' stabbiliment juri, ħdejn in-numru tal-għadd ta' impjiegi awtorizzati għas-sena finanzjarja, l-għadd tal-impjiegi awtorizzati għas-sena finanzjarja preċedenti kif ukoll in-numru ta' impjiegi li tassew imtlew. L-istess informazzjoni tkun murija għal persunal b'kuntratt u esperti nazzjonali ssekondati.

#### KAPITOLU 4

### ATTURI FINANZJARJI

#### Artikolu 16

#### Implimentazzjoni tal-baġit skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba

1. Id-direttur jaqdi d-dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti. Id-direttur għimplimenta d-dħul u n-nefqa tal-baġit tal-korp PPP skont ir-regoli finanzjarji tal-korp PPP u l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba taħt ir-responsabilità tiegħu jew tagħha u fil-limiti tal-approprijazzjonijiet awtorizzati. Id-Direttur ikun responsabbli mill-iżgurar li jkun hemm konformità mar-reqwiżiti ta' legalità u regolarità.

Bla ebda ħsara lejn ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal awtorizzanti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi u irregolaritajiet, il-korp PPP jipparteċipa fattivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

2. Id-direttur jista' jiddelega s-setgħat tal-implimentazzjoni tal-baġit lil persunal tal-korp PPP kopert mir-Regolamenti tal-Persunal, fejn daww japplikaw għall-persunal tal-korp PPP, bi qbil mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-korp PPP. Daww inkarigati jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tas-setgħat mogħtija espressament lilhom.

#### Artikolu 17

##### Poteri u dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti

1. Il-baġit tal-korp PPP jkun implimentat mid-direttur fid-dipartimenti taħt l-awtorità tiegħu.

2. Kompiti ta' kompetenza teknika u kompiti amministrattivi, preparatorji jew anċillarji li la jeħtiġu l-eżerċitazzjoni ta' awtorità pubblika u lanqas l-użu ta' poteri ta' ġudizzju diskreżjonali jistgħu jingħataw b'kuntratt lil entitajiet esterni tal-qasam privat, fejn ma jistax isir mod ieħor.

3. Id-direttur, f'konformità mal-istandards minimi adottati mill-bord ta' tmexxija u b'kunsiderazzjoni xierqa għar-riskji assoċjati mal-ambjent tal-ġestjoni u n-natura tal-azzjonijiet iffirnanzjati, jistabbilixxi l-istruttura organizzattiva u s-sistemi tal-kontroll intern xierqa għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. L-istabbiliment ta' din l-istruttura u dawn is-sistemi jkun appoġġjat minn analiżi sħiħa tar-riskju, li tiegħu kont tal-kosteffikaċja tagħhom.

Id-direttur jista' jistabbilixxi fid-dipartiment tiegħu stess funzjoni ta' kompetenza u parir maħsuba biex tgħinu jikkontrolla r-riskji involuti fl-attivitajiet tiegħu.

4. L-uffiċjal awtorizzanti jikkonserva d-dokumenti ta' sostenn b'rabta mal-operazzjonijiet imwettqa matul perjodu ta' ħames snin mid-data tad-deċiżjoni meta nġhatat kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għas-sena kkonċernata. Dejta personali li tinsab f'dokument ta' appoġġ titħassar fejn possibbli meta dik id-dejta ma tkunx meħtieġa għal skopijiet ta' kontroll u awditjar. Fi kwalunkwe każ, ikun rispettata l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 f'dak li jirrigwarda l-konservazzjoni tad-dejta tat-traffiku.

#### Artikolu 18

##### Kontrolli ex ante

1. Kull operazzjoni tkun suġġetta għal mill-anqas kontroll *ex ante*, ibbażat fuq analiżi mhux fuq il-post tad-dokumenti u wkoll fuq ir-riżultati disponibbli tal-kontrolli diġà mwettqa, fir-rigward tal-aspetti operazzjonali u finanzjarji tal-operazzjoni.

Il-kontrolli *ex ante* jinkludu l-inizjazzjoni u l-verifika tal-operazzjoni.

L-inizjazzjoni u l-verifika ta' operazzjoni ikunu funzjonijiet separati.

2. L-inizjazzjoni u ta' operazzjoni tinftiehem bħala l-operazzjonijiet kollha li huma preparatorji għall-adozzjoni tal-atti li jimplimentaw il-baġit tal-korp PPP mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

3. Verifika *ex ante* ta' operazzjoni tinftiehem bħala l-kontrolli *ex ante* kollha li jaġmhel l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli sabiex jivverifika l-aspetti operazzjonali u finanzjarji tagħha.

4. Il-kontrolli *ex ante* jivverifikaw il-koerenza fost id-dokumenti ta' sostenn mitluba u kwalunkwe informazzjoni disponibbli.

Il-firxa f'termini tal-frekwenza u l-intensità tal-kontrolli *ex ante* tiġi ddeterminata mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli billi jitqiesu konsiderazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji u l-kosteffikaċja. F'każ ta' dubju, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli mill-validazzjoni tal-ħlasijiet rilevanti jitlob informazzjoni kumplimentari jew jaġmhel kontroll fuq il-post sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli bħala parti mill-kontroll *ex ante*.

L-għan tal-kontrolli *ex ante* huwa li jaċċertaw li:

- in-nefqa saret kif suppost u tikkonforma mad-dispożizzjonijiet applikabbli;
- il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba msemmi fl-Artikolu 11 ikun ġie applikat.

Għall-iskop tal-kontrolli, jistgħu jiġu kkunsidrati serje ta' tranżazzjonijiet individwali simili relatati man-nefqa ta' rutina fuq is-salarji, il-pensjonijiet, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet u tal-ispejjeż mediċi mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli biex imexxi operazzjoni waħda.

#### Artikolu 19

##### Kontrolli ex post

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jistabbilixxi kontrolli *ex post* sabiex jivverifika l-operazzjonijiet diġà approvati wara l-kontrolli *ex ante*. Dawn il-kontrolli jistgħu jkunu organizzati fuq bażi ta' kampjun skont ir-riskji.

Il-kontrolli *ex post* jistgħu jitwettqu fuq il-bażi ta' dokumenti u, fejn ikun xieraq, fuq il-post.

2. Il-kontrolli *ex post* jitwettqu minn membri tal-persunal li mhumiex daww responsabbli għall-kontrolli *ex ante*. Il-persunal responsabbli għall-kontrolli *ex post* ma jkunux subordinati għall-membri tal-persunal responsabbli għall-kontrolli *ex ante*.

Il-persunal responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tal-operazzjonijiet finanzjarji jkollu l-kapaċitajiet professjonali meħtieġa.

#### Artikolu 20

##### Rappurtar Annwali

L-uffiċjal awtorizzanti jirrapporta kull sena lill-bord ta' tmexxija dwar il-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha. Għal dan l-għan, l-uffiċjal awtorizzanti jippreżenta mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena finanzjarja ta' wara lill-bord ta' tmexxija u lill-Kummissjoni:

- rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-PPP, baġit tal-korp PPP u riżorsi umani;

- (b) il-kontijiet proviżorji tal-korp PPP, inkluż ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja msemmija fl-Artikolu 39;
- (c) dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tiddikjara li, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fxi riserva, l-uffiċjal awtorizzanti għandu assigurazzjoni raġonevoli li:
- (i) l-informazzjoni hija ppreżentata kif suppost, kompluta u akkurata (stampra vera u ġusta);
  - (ii) in-nefqa intużat għall-iskop maħsub għaliha;
  - (iii) il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanzji neċessarji fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.
- (d) taqsira tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli kollha mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u tal-portata tal-iżbalji u tan-nuqqasijiet identifikati fis-sistemi, u wkoll l-azzjoni korrettiva meħuda jew ippanata.

Ir-rapport jindika r-riżultati tal-operazzjonijiet b'referenza għall-oġġettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet, l-użu li jkun sar mir-riżorsi pprovduti u l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern u jkun proporzjonat għall-kompiti fdati u l-ammonti involuti.

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, id-dokumenti msemmija taħt il-punti c) u d) tal-ewwel paragrafu u l-valutazzjoni tagħhom mill-bord ta' tmexxija, ir-rapport ta' attività annwali u l-kontijiet finali flimkien mal-approvazzjoni tagħhom mill-bord ta' tmexxija skont l-Artikolu 43(2) jintbagħtu mid-direttur lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tibgħat dawn id-dokumenti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

#### Artikolu 21

##### Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Jekk membru tal-persunal, involut fil-ġestjoni finanzjarja u fil-kontroll tat-tranżazzjonijiet iqis li deċiżjoni li s-superjur tiegħu jirrikjedi minnu li japplika jew li jaqbel magħha tkun irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba jew kontra r-regoli professjonali li dak il-membru tal-persunal huwa rikjest li josserva, hu jew hi jinforma lid-direttur bil-miktub u dan iwieġeb bil-miktub. Jekk id-direttur jonqos milli jieħu azzjoni jew jikkonferma d-deċiżjoni jew l-istruzzjoni inizjali tiegħu u l-membru tal-persunal iqis li tali konferma ma tikkostitwixxix tweġiba raġonevoli għall-problema tiegħu, il-membru tal-persunal jinforma lill-bord relevanti imsemmi fl-Artikolu 23(3) bil-miktub. Il-bord imsemmi fl-Artikolu 23(3) immedjatament jinforma lill-bord ta' tmexxija.
2. Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-korp PPP jew tal-membri tiegħu, il-membru tal-persunal jinforma lill-awtoritajiet u l-korpi maħtura mil-legislażzjoni applikabbli. Il-kuntratti mal-awdituri esterni li jwettqu awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tal-korp PPP jipprovdub obbligu tal-awditur estern biex jinforma lill-uffiċjal awtorizzanti bi kwalunkwe suspett ta' attività illegali,

frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-korp PPP kew tal-membri tiegħu.

#### Artikolu 22

##### Uffiċjal tal-kontabilità

1. Il-bord ta' tmexxija jaħtar uffiċjal tal-kontabilità kopert mir-Regolamenti tal-Persunal, fejn daww japplikaw għall-persunal ta' korp PPP, li jkun kompletament indipendenti fit-tweqqif ta' dmirijiet/ħa. Ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tal-kontabilità fil-korp PPP huma:

- (a) l-implimentazzjoni adegwata tal-ħlasijiet, il-ġbir tad-dħul u l-irkupru tal-ammonti stabbiliti bħala riċevibbli;
- (b) il-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet skont il-Kapitolu 8;
- (c) l-implimentazzjoni, b'konformità mal-Kapitolu 8, tar-regoli tal-kontabilità u tat-tabella tal-kontijiet;
- (d) l-stabiliment ta' sistemi tal-kontabilità u tal-validazzjoni u, fejn xieraq, il-validazzjoni ta' sistemi stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti maħsuba biex ifornu jew jiġġustifikaw l-informazzjoni dwar il-kontijiet; f'dan ir-rigward l-uffiċjal tal-kontabilità jingħata s-setgħa biex jivverifika fi kwalunkwe żmien ir-rispett tal-kriterji ta' validazzjoni;
- (e) amministrazzjoni tat-teżor.

2. Żewġ korpi PPP jew aktar jistgħu jaħtru l-istess uffiċjal tal-kontabilità.

Korpi PPP jistgħu wkoll jaqblu mal-Kummissjoni li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jaġixxi wkoll bħala l-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp PPP.

Huma jistgħu wkoll jinkarigaw lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni b'parti mill-kompiti tal-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp PPP filwaqt li wieħed jikkunsidra l-kostbenefiċċju ta' dan.

Fil-każ imsemmi f'dan il-paragrafu, dawn jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità jikseb mingħand l-uffiċjali awtorizzanti l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni ta' kontijiet li jagħtu stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korp PPP u tal-implimentazzjoni tal-baġit. L-uffiċjali awtorizzanti jiggarrantixxi l-affidabilità ta' tali informazzjoni.

4. Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet mid-Direttur, l-uffiċjal tal-kontabilità jiffirmahom u b'dan jiċċertifika li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korp PPP.

Għal fini tal-ewwel subparagrafu, l-uffiċjal tal-kontabilità jivverifika li l-kontijiet tħejjew skont ir-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 38 u li d-dħul u n-nefqa kollha jkun ddaħħlu fil-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontabilità jingħata l-poter sabiex jikkontrolla l-informazzjoni li tasal kif ukoll li jwettaq kwalunkwe kontroll ieħor li jqis meħtieġ sabiex jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontabilità jagħmel riżervi, jekk ikun meħtieġ, u jispjega eżattament in-natura u l-ambitu ta' tali riżervi.

Suġġett għall-paragrafu 5, l-uffiċjal tal-kontabilità biss ikollu s-setgħa li jamministra l-flus kontanti u l-ekwivalenti għall-flus kontanti. L-uffiċjal tal-kontabilità jkun responsabbli għas-salvagwardja tagħhom.

5. L-uffiċjal tal-kontabilità jista', fit-tweġġ tad-doveri tiegħu, jiddelega ċerti kompiti lil membri tal-persunal suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal, fejn dawk japplikaw għall-persunal tal-korp PPP, fejn dan ikun indispensabbli għall-qadi ta' dmirijiet jew dmirijietha f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-korp PPP.

6. Mingħajr preġudizzju għal azzjoni dixxiplinari, l-uffiċjali tal-kontabilità jista', f'kull żmien, jissospendi lill-uffiċjal tal-kontabilità milli jaqdi dmirijiet jew dmirijietha temporanjament jew għal kollox. F'każ bħal dan, il-bord ta' tmexxija jaħtar uffiċjal interim tal-kontabilità.

#### Artikolu 23

##### Ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji

1. L-Artikoli 16 sa 25 huma bla ħsara għal kwalunkwe responsabbiltà taħt il-liġi kriminali, li l-atturi finanzjarji jistgħu jeħlu kif previst fid-dritt nazzjonali applikabbli u fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Unjoni jew uffiċjali tal-Istati Membri.

2. Kull uffiċjal awtorizzanti u uffiċjal tal-kontabilità huwa suġġett għal azzjoni dixxiplinarja u għall-ħlas ta' kumpens kif previst fir-Regolamenti tal-Persunal. Fil-każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-korp PPP, il-kwistjoni tkun ippreżentata lill-awtoritajiet u lill-korpi nnominati bil-leġislazzjoni applikabbli, partikolarment lill-OLAF.

3. Il-bord speċjalizzat fl-irregolaritajiet finanzjarji stabbilit mill-Kummissjoni jew li fih il-Kummissjoni tiegħu sehem skont l-Artikolu 73(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, jeżerċita l-istess setgħat fir-rigward tal-korp PPP kif huwa jagħmel fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, sakemm il-bord ta' ymexxija ma jiddeċiedix li jwaqqaf bord funzjonalment indipendenti, jew li jipparteċipa f'bord konġunt imwaqqaf minn diversi korpi. Għal każijiet ippreżentati mill-korpi PPP, il-bord speċjalizzat fl-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni jew li fih tipparteċipa l-Kummissjoni jinkludi membru wieħed tal-persunal ta' korp PPP.

Fuq il-bażi tal-opinjoni ta' dan il-bord imsemmi fl-ewwel subparagrafu, id-direttur jiddeċiedi jekk jagħtix bidu għal proċedimenti għal azzjoni dixxiplinari jew għal ħlas ta' kumpens. Jekk il-bord jintebaħ bi problemi sistemiċi, dan jibgħat rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti. Jekk din l-opinjoni timplika lid-direttur, il-bord jibgħatha lill-bord ta' tmexxija u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Id-direttur jirreferi, f'forma anonima, għall-opinjoni tal-bord fir-rapport tiegħu jew tagħha skont l-Artikolu 20 u jindika l-miżuri ta' segwitu meħuda.

4. Kull membru tal-persunal jista' jintalab jagħmel tajjeb għad-dannu, kollu jew parti minnu, li jkun sofra l-korp PPP minħabba mġiba serjament ħażina min-naħa tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijiet jew dmirijietha jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijiet jew dmirijietha. L-awtorita tal-ħatra tiegħu deċiżjoni motivata wara li twettaq il-formalitajiet preskritti mil-leġislazzjoni applikabbli rigward kwistjonijiet dixxiplinari.

#### Artikolu 24

##### Kunflitti ta' interessi

1. L-atturi finanzjarji fi ħdan it-tifsira tal-Artikoli 16 sa 25 u persuni oħra involuti fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni baġitarja, inklużi l-atti preparatorji tagħhom, l-awditjar jew il-kontroll ma jieħdu ebda azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk tal-korp PPP.

Fejn jeżisti tali riskju, il-persuna inkwistjoni tiegħa minn tali azzjonijiet u tirreferi l-kwistjoni lid-direttur li jikkonferma bil-miktub jekk jeżistix kunflitt ta' interess. Il-persuna inkwistjoni tinforma wkoll lis-superjur ġerarkiku tagħha. Jekk l-attur ikun id-direttur, hu jew hi jirreferi/tirreferi l-kwistjoni lill-bord ta' tmexxija.

Meta jinstab li jeżisti kunflitt ta' interess, il-persuna inkwistjoni twaqqaf l-attivitajiet kollha fil-kwistjoni. Id-direttur jew il-bord ta' tmexxija, fil-każ tad-direttur, jieħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri xierqa.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ikun jeżisti kunflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif jissemma fil-paragrafu 1, ikun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż mal-benefiċjarju.

#### Artikolu 25

##### Segregazzjoni tad-dmirijiet

Id-dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti u tal-uffiċjal tal-kontabilità jkunu segregati u reċiprokament esklussivi.

#### KAPITOLU 5

##### AWDITJAR INTERN

#### Artikolu 26

##### Poteri u dmirijiet tal-awditur intern

1. Il-korp PPP ikollu funzjoni ta' awditjar intern li trid issir skont l-istandards internazzjonali rilevanti.

2. Il-funzjoni ta' awditjar intern titwettaq mill-awditur intern tal-Kummissjoni. L-awditur intern la jista' jkun uffiċjal awtorizzanti u lanqas uffiċjal tal-kontabilità.

3. L-awditur intern jagħti pariri lill-korp PPP dwar kif jitrattaw ir-riskji, billi jagħti opinjonijiet indipendenti fuq il-kwalità tas-sistemi ta' tmexxija u ta' kontroll u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet biex jirranġaw il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-operazzjonijiet u jġibu 'l quddiem ġestjoni finanzjarja tajba.



L-awditur intern ikun responsabbli partikolarment għal:

- (a) il-valutazzjoni tal-idoneità u l-effikaċja tas-sistemi interni ta' ġestjoni u l-prestazzjoni tad-dipartimenti fil-programmi u l-azzjonijiet implimentattivi b'referenza għar-riskji marbuta magħhom;
- (b) il-valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi interni ta' kontroll u tal-awditjar applikabbli għal kull operazzjoni ta' implimentazzjoni baġitarja.

4. L-awditur intern iwettaq id-doveri tiegħu jew tagħha fir-rigward tal-attivitatiet kollha tal-korp PPP u d-dipartimenti kollha tiegħu. L-awditur intern igawdi minn aċċess sħiħ u mingħajr limitu għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq id-doveri tiegħu jew tagħha.

5. L-awditur intern jieħu nota tar-rapport annwali tal-uffiċjali awtorizzanti taħt l-Artikolu 20 u ta' kwalunkwe biċċa informazzjoni oħra identifikata.

6. L-awditur intern jirrapporta lill-bord ta' tmexxija u lid-direttur fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu/tagħha.

L-awditur intern jirrapporta wkoll fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- riskji u rakkomandazzjonijiet kritiċi ma ġewx indirizzati,
- hemm dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fis-snin ta' qabel.

Il-bord ta' tmexxija u d-direttur jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu. Il-bord ta' tmexxija jeżamina l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 u jekk ir-rakkomandazzjonijiet ġewx implimentati kompletament u fil-ħin.

7. Il-korp PPP jagħmel disponibbli d-dettalji ta' kuntatt tal-awditur intern għal kull persuna fiżika jew ġuridika involuta f'operazzjonijiet ta' nefqa, għall-iskopijiet ta' kuntatt kunfidenzjali mal-awditur intern.

8. Ir-rapporti u r-riżultati tal-awditur intern ikunu aċċessibbli lill-pubbliku biss wara validazzjoni mill-awditur intern tal-azzjoni meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom.

#### Artikolu 27

##### Indipendenza tal-awditur intern

L-indipendenza tal-awditur intern, ir-responsabilità tal-awditur intern għall-azzjoni meħuda fit-tweġiq ta' dmirijietu jew dmirijietha u d-dritt tal-awditur intern li jressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiġi stabbilita skont l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

#### Artikolu 28

##### Stabbiliment ta' kapacià ta' verifika internay

1. Il-bord ta' tmexxija jista' jistabbilixxi b'konsiderazzjoni xierqa għal kostefikaċja u l-valur miżjud, kapacià ta' awditjar intern, li twettaq id-dmirijiet tagħha f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti.

L-għan, l-awtorità u r-responsabilità tal-kapacià ta' awditjar intern jkun hemm provvediment għalihom fil-karta tal-awditjar intern u jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-bord ta' tmexxija.

Il-pjan annwali tal-awditjar ta' kapacià ta' awditjar intern jiġi mfassal mill-Kap ta' kapacià tal-awditjar intern li jqis inter alia l-valutazzjoni tar-riskju tad-direttur fil-korp PPP.

Huwa jiġi rivedut u approvat mill-bord ta' tmexxija.

L-awditur intern jirrapporta lill-bord ta' tmexxija u lid-direttur fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu/tagħha.

Jekk il-kapacià tal-awditjar intern ta' korp waħdieni PPP ma tkunx kosteffettiva jew ma tkunx tista' tilħaq standards internazzjonali, il-korp PPP jista' jiddeċiedi li jikkondividi kapacià ta' awditjar intern ma' korpi oħra PPP li jaħdmu fl-istess qasam ta' politika.

F'dawn il-każijiet il-bord ta' tmexxija tal-korpi PPP ikkonċernati jaqblu dwar il-modalitajiet prattiċi tal-kapacià jiet kondiviżi ta' awditjar intern.

L-atturi tal-awditjar intern jikkooperaw effiċjentement billi jiskambjaw informazzjoni u rapporti tal-awditjar u, fejn xieraq, jistabbilixxu valutazzjonijiet tar-riskju konġunti u jwettqu awditi konġunti.

2. Il-bord ta' tmexxija u d-direttur jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-kapacià tal-awditjar intern

#### KAPITOLU 6

##### OPERAZZJONIJET TA' DĦUL U NFIQ

#### Artikolu 29

##### Implimentazzjoni tad-dħul

1. L-implimentazzjoni tad-dħul tinkludi l-preparazzjoni tal-estimi tal-ammonti riċevibbli, l-istabbiliment tal-intitolamenti li għandhom jiġu rkuprati u l-irkupru ta' ammonti mhux dovuti. Hija tinkludi wkoll il-possibilità li jitwarrbu intitolament stabbiliti, fejn xieraq.

2. L-ammonti li jitħallsu bi żball jiġu rkuprati.

Jekk l-irkupru effettiv ma jseħħx fl-iskadenza prevista fin-nota tad-debitu, l-uffiċjal tal-kontabilità jgħarraf lill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti u jniedi minnufih il-proċedura tal-irkupru bi kwalunkwe mezz legali, inkluż, jekk ikun il-każ, permezz ta' kumpens, u jekk dan ma jkunx jistax isir, permezz ta' infurzar.

Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qiegħed jippjana li jirrinunzja bi sħiħ jew parzjalment għal għal irkupru ta' xi ammont riċevibbli stabbilit, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja ssir sewwa u li tkun konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità. Id-deċiżjoni ta' rinunzja tiġi ssostanzjata. Id-deċiżjoni ta' rinunzja tiddikjara li ttehdet azzjoni biex isir l-irkupru u l-punti ta' dritt u ta' fatt li fuqhom tkun ibbażata.

L-uffiċjal tal-kontabilità jżomm lista ta' ammonti li għandhom ikunu rkuprati. L-intitolamenti tal-korp PPP jinġabru flimkien fil-lista skont id-data tal-ħruġ tal-ordni ta' rkupru. L-uffiċjal tal-kontabilità jindika d-deċiżjonijiet li jirrinunzja jew li jirrinunzja parzjalment għall-irkupru ta' ammonti stabbiliti. Il-lista tiżded mar-rapport tal-korp PPP dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

3. Kwalunkwe debitu mhux mħallas lura sad-data stipulata fin-nota ta' debitu jwassal għal imgħax skont ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012.

4. L-intitolamenti tal-korp PPP fir-rigward ta' partijiet terzi u l-intitolamenti ta' partijiet terzi fir-rigward tal-korp PPP ikunu suġġetti għal terminu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

#### Artikolu 30

##### Kontribut tal-membri

1. Il-korp PPP jippreżenta lill-membri tiegħu talbiet għall-ħlas tal-kontribuzzjoni kollha jew parti tal-kontribuzzjoni tagħhom skont it-termini u fl-intervalli stabbiliti jew miftiehma fl-istrument kostitwenti.

2. Il-fondi mħallas lill-korp PPP mill-Membri tiegħu permezz ta' kontribuzzjoni jwasslu għal imgħax għall-benefiċċju tal-baġit tal-korp PPP.

#### Artikolu 31

##### Implimentazzjoni tan-nefqa

1. Biex tiġi implimentata n-nefqa, l-uffiċjal awtorizzanti jagħmel impenji baġitarji u impenji ġuridiċi, jivvalida n-nefqa u jawtorizza l-ħlasijiet u jieħu fidejħ passi preliminari għall-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet.

2. Kull element tan-nefqa jiġi impenjat, validat, awtorizzat u mħallas.

Il-validazzjoni tan-nefqa hija l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jikkonferma operazzjoni finanzjarja.

L-awtorizzazzjoni tan-nefqa hija l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, wara li jkun ivverifika li l-appropriazzjonijiet ikunu disponibbli, jagħti struzzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità sabiex iħallas nefqa vvalidata.

3. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tista' tistabbilixxi nefqa addebitabbli lill-baġit tal-korp PPP, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli l-ewwel jagħmel impenn tal-baġit qabel ma' jidħol għal impenn ġuridiku ma' partijiet terzi.

4. Il-programm tax-xogħol annwali korp tal-PPP għandu jipprovdi l-awtorizzazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija għal in-nefqa operattiva korp tal-PPP dwar l-attivitajiet li jkopri, sakemm l-elementi msemmija f'dan il-paragrafu huma identifikati b'mod ċar.

Il-programm ta' ħidma annwali jinkludi objettivi dettaljati u riżultati mistennija inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Huwa jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni.

Kwalunkwe emenda sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali tkun addottata bl-istess proċedura bħall-programm ta' ħidma inizjali, skont id-dispożizzjonijiet tal-istrument kostitwenti.

Il-bord ta' tmexxija jista' jiddelega s-setgħa li jagħmel emendi mhux sostanzjali fil-programm ta' ħidma lill-uffiċjal awtorizzanti tal-korp PPP.

#### Artikolu 32

##### Limiti taż-żmien

Il-ħlas ta' nefqa jsir fil-limiti ta' żmien speċifikati fi, u skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012.

#### KAPITOLU 7

##### IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-KORP PPP

#### Artikolu 33

##### Akkwist

1. Fir-rigward tal-akkwisti, it-Titolu V tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplikaw bla ħsara għall-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-korp PPP jipparteċipa fid-dejtabejż ċentrali tal-esklużjoni stabbilita u operata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

3. Għal kuntratti b'valur ta' bejn EUR 60 000 u l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 il-proċedura stipulata fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 għal kuntratti b'valur baxx li ma jaqbżux EUR 60 000 tista' tintuża.

4. Il-korp PPP jista' jkun assoċjat, fuq talba tiegħu, bħala awtorità kontraenti, fl-għoti ta' kuntratti tal-Kummissjoni jew kuntratti interistituzzjonali u fl-għoti ta' kuntratti ta' entitajiet tal-Unjoni jew PPP oħrajn.

5. Il-korp PPP jista' jikkonkludi kuntratt, mingħajr ma jirri-korri għal proċedura ta' akkwist pubbliku, mal-Kummissjoni, l-uffiċċji interistituzzjonali, iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94<sup>(1)</sup> u mal-korpi PPP oħra għall-provvista ta' oġġetti, jew ta' servizzi jew għat-tweqqif ta' xogħol li jipprovdu dawn tal-aħħar.

Għalhekk il-korpi PPP jistgħu jikkonkludu kuntratt, mingħajr ma jkun hemm rikors għal proċedura ta' akkwist, mal-membri tagħhom minbarra l-Unjoni għall-provvista ta' oġġetti, ta' servizzi jew għat-tweqqif ta' xogħol li daww il-membri jipprovdu direttament mingħajr rikors għal partijiet terzi.

L-oġġetti, servizzi jew xogħol ipprovduti taħt l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma jitqiesux bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-membri għall-baġit tal-korp PPP.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jstabbilixxi ċentru ta' Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

6. Il-korp PPP jista' juża proċeduri konġunti ta' akkwist pubblikumal-awtoritajiet kontraenti tal-Istat Membru ospitanti sabiex ikopri l-ħtiġijiet amministrattivi jew ma' awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri, l-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) jew pajjiżi kandidati tal-Unjoni li jipparteċipaw fih bħala membri. F'każijiet bħal dawn, l-Artikolu 133 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplika *mutatis mutandis*.

Il-korp PPP jista' juża proċeduri konġunti ta' akkwist pubbliku mal-membri privati tiegħu jew ma' awtoritajiet kontraenti ta' pajjiżi li qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni li jipparteċipaw fih bħala membri. F'każijiet bħal dawn, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 133 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplika *mutatis mutandis*.

#### Artikolu 34

##### Esperti

L-Artikolu 287 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplika *mutatis mutandis* għall-għażla ta' esperti soġġetti għal kwalunkwe proċedura speċifika stabbilita fl-att bażiku tal-programm ta' implimentazzjoni li hija fdata lill-korp PPP. Tali esperti jitħallsu fuq il-bażi ta' ammont fiss imħabbar minn qabel u jintgħażlu fuq il-bażi tal-kapaċità professjonali tagħhom.

Il-korp PPP jista' juża l-listi ta' esperti mħejjija mill-Kummissjoni jew minn korpi oħra tal-Unjoni jew PPP.

Il-korp PPP jista', jekk jitqies xieraq u f'każijiet debitament iġġustifikati, jagħżel kwalunkwe individwu bil-ħiliet xierqa li ma jkunx fil-listi.

L-esperti esterni jintgħażlu abbażi ta' ħiliet, esperjenza u għarfien xierqa biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom u skont il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trattament indaqs u assenza ta' kunflitt ta' interessi.

#### Artikolu 35

##### Għotjiet

Fir-rigward ta' għotjiet, it-Titolu VI tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplikaw suġġetti għal dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istrument kostitwenti.

#### Artikolu 36

##### Premijiet

1. Fir-rigward tal-premijiet, it-Titolu VII tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplikaw bla ħsara għall-paragrafi 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-kompetizzjonijiet għall-premijiet b'valur unitarju ta' EUR 1 000 000 jew aktar jistgħu jkun ppubblikati biss jekk ikunu ġew previsti fl-abbozz tal-programm ta' ħidma imsemmi fl-Artikolu 14(1).

#### Artikolu 37

##### Indikazzjoni ta' mezzi ta' rimedju

1. Meta att proċedurali ta' uffiċjal awtorizzanti jolqot b'mod negattiv id-drittijiet ta' applikant jew ta' offerent, benefiċjarju jew

kuntrattur, huwa jkun fih indikazzjoni tal-mezzi disponibbli ta' rimedju amministrattiv u/jew ġudizzjarju għall-kontestazzjoni ta' dan l-att.

2. B'mod partikolari, in-natura tar-rimedju, l-entità jew l-entitajiet lil min jista' jitressaq kif ukoll il-limiti taż-żmien għall-eżerċizzju tagħhom ikunu indikati.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ikunu suġġetti għal kwalunkwe proċedura speċifika stipulata fl-atti bażiċi tal-programm li l-implimentazzjoni tagħhom hija fdata lil korp PPP.

#### KAPITOLU 8

#### KONTABILITÀ

##### Artikolu 38

##### Regoli dwar il-kontabilità

Il-korp PPP jistabbilixxi sistema ta' kontabilità li tipprovdi informazzjoni akkurata, sħiħa u affidabbli f'waqtha.

Il-kontabilità tal-korp PPP tkun konformi mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

##### Artikolu 39

##### Struttura tal-kontabilità

Il-kontijiet tal-korp PPP jinkludu:

- ir-rendikonti finanzjarji tal-korp PPP;
- ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja tal-korp PPP (rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja).

Il-korp PPP iħejji rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja. Ir-rapport jagħti rendikont, kemm f'termini assoluti u espressi bħala perċentwali, mill-anqas, tar-rata implimentattiva tal-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn id-diversi elementi tal-baġit.

Fejn il-kontijiet tal-korp PPP jiġu kkonsolidati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-korp PPP jibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara.

##### Artikolu 40

##### Prinċipji tal-kontabilità

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jippreżentaw l-informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar il-politiki tal-kontabilità, b'mod li jiġi żgurat li tkun relevanti, affidabbli, komparabbli u li tista' tinftiehem. Ir-rendikonti finanzjarji itfasslu f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati kif deskritti fir-regoli tal-kontabilità skont l-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jew fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku bbażati fuq id-dovuti (minn hawn 'il quddiem "IPSAS").

*Artikolu 41***Dikjarazzjonijiet finanzjarji**

1. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jiġu ppreżentati feuro u jinkludu:

- (a) il-karta tal-bilanċ u rendikont tar-riżultat finanzjarju, li jirrappreżentaw l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha u s-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat ekonomiku fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti; dawn ikunu ppreżentati b'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jew IPSAS bbażata fuq id-dovuti;
- (b) ir-rendikont tal-fluss tal-flus li juri l-ammonti miġbura u żbursati matul is-sena u l-pożizzjoni finali tat-teżor;
- (c) ir-rendikont tal-bidliet fl-assi netti li jippreżenta ħarsa ġenerali taċ-ċaqliq matul is-sena fir-riżervi u r-riżultati akkumulati.

2. In-noti annessi mar-rendikonti finanzjarji jissupplimentaw lil u jikkumentaw dwar it-tagħrif mogħti fir-rendikonti msemmijin fil-paragrafu 1 u jagħtu l-informazzjoni addizzjonali l-hra kollha preskritta minn prattiċi li jkunu aċċettati internazzjonalment, meta tali informazzjoni jkollha x'taqsam mal-attivitajiet tal-korp PPP.

*Artikolu 42***Rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit**

Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja jkunu ppreżentati feuro. Huma jinkludu:

- (a) rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha għas-sena f'termini ta' dħul u nefqa;
- (b) noti ta' spjegazzjoni, li jissupplimentaw u jikkumentaw fuq l-informazzjoni mogħtija fir-rapporti.

L-istruttura tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja tkun l-istess bħal dik tal-baġit innifsu.

*Artikolu 43***Kontijiet provviżorji u l-approvazzjoni tal-kontijiet finali**

1. Fejn il-kontijiet tal-korp PPP għandhom jiġu kkonsolidati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-uffiċjali tal-kontabilità tal-korp PPP ibgħat il-kontijiet provviżorji lill-Qorti tal-Awdituri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena finanzjarja ta' wara.

Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-uffiċjali tal-kontabilità tal-korp PPP sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena ta' wara jibgħat ukoll pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità

tal-Kummissjoni, f'format standardizat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-konsolidazzjoni.

2. L-uffiċjal tal-kontabilità jfassal il-kontijiet finali tal-korp PPP. Id-Direttur jibgħathom sal-15 ta' Marzu, flimkien mal-opinjoni tal-awditur estern imsemmi fl-Artikolu 46, lill-bord ta' tmexxija għall-approvazzjoni.

Fejn il-kontijiet tal-korp PPP huma meħtieġa jiġu kkonsolidati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-uffiċjal tal-kontabilità jibgħat il-kontijiet finali, flimkien mal-opinjoni tal-awditur estern imsemmi fl-Artikolu 46 u l-approvazzjoni tal-bord ta' tmexxija lill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena finanzjarja ta' wara. F'tali każ l-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp PPP sal-1 ta' Lulju jibgħat ukoll pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni f'format standardizat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-konsolidazzjoni.

Fejn il-kontijiet tal-korp PPP għandhom jiġu kkonsolidati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp PPP wkoll jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri, b'kopja lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, fl-istess data tat-trażmissjoni tal-kontijiet finali, ittra ta' rappreżentazzjoni li tkopri dawn il-kontijiet finali.

Il-kontijiet finali jkunu akkumpanjati minn nota mfassla mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, li fiha dan tal-aħħar jiddikjara li l-kontijiet finali ġew imħejjija skont dan il-kapitolu u skont il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi tal-kontabilità applikabbli.

Il-kontijiet finali approvati tal-korp PPP jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tiegħu fi żmien xahar mill-approvazzjoni tagħhom.

*Artikolu 44***Sistema tal-kontabilità**

1. Fejn il-kontijiet tal-korp PPP huma meħtieġa jiġu kkonsolidati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-pjan armonizzat tal-kontijiet li għandu jiġi applikat mill-korp PPP jiġi adottat mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 152 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. Il-sistema tal-kontijiet tikkonsisti fil-kontijiet ġenerali u l-kontijiet baġitarji. Dawn iż-żewġ kontijiet jinżammu feuro fuq il-bażi tas-sena kalendarja.

3. Il-kontijiet ġenerali iżommu, b'ordni kronoloġika u bil-metodu tal-partita doppja, l-eventi u l-operazzjonijiet kollha li jolqtu l-qagħda ekonomika u finanzjarja u l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-korp PPP.

4. Il-kontijiet baġitarji jipprovdu rekord dettaljat tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp PPP. Huma jirreġistraw l-operazzjonijiet baġitarji kollha tad-dħul u n-nefqa.

#### Artikolu 45

##### Inventarji

Il-korp PPP iżomm inventarji li juru l-kwantità u l-valur tal-assi kollha tanġibbli, intanġibbli u assi finanzjarji li jikkostitwixxu proprjetà tiegħu jew tal-Unjoni. Fejn il-kontijiet tal-korp PPP jiġu kkonolidati f'konformità mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-uffiċjali tal-kontabilità tal-korp PPP iżomm l-inventarji skont mudell imfassal mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Il-korp PPP jikkontrolla li l-annotazzjonijiet fl-inventarju jaqblu mal-qagħda veru.

#### KAPITOLU 9

##### VERIFIKA ESTERNA U L-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

#### Artikolu 46

##### Awditjar estern

Il-korp PPP ikun suġġett għal awditjar indipendenti estern, imwettaq skont l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment minn korp tal-awditjar indipendenti. L-opinjoni tal-awditur estern tistabbilixxi jekk il-kontijiet jagħtux stampa vera u ġusta, jekk is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jaħdmux sewwa, u jekk it-tranżazzjonijiet sottostanti humiex legali u regolari. L-opinjoni tiddikjara wkoll jekk ix-xogħol tal-awditjar iqajjimx dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 20. L-opinjoni tiġi sottomessa lill-bord ta' tmexxija. Din tintbagħat lill-Kummissjoni flimkien mal-kontijiet finali tal-korp PPP sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu.

#### Artikolu 47

##### Eżaminazzjoni tal-Awditjar estern mill-Qorti tal-Awdituri

1. Sakemm ma jkunx diversament previst fl-istrument kostitwenti tal-korp PPP, il-Qorti tal-Awdituri tiskrutinizza l-kontijiet tal-korp PPP skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fl-eżami tagħha, il-Qorti tal-Awdituri tista' tikkunsidra x-xogħol ta' awditjar imwettaq mill-awditur indipendenti estern imsemmi fl-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament u l-azzjoni meħuda bi tweġiba għas-sejbiet tiegħu jew tagħha.

2. L-iskrutinju mwettaq mill-Qorti tal-Awdituri jkun irregolat bl-Artikoli 158 sa 163 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012.

#### Artikolu 48

##### Kontrolli fuq il-post mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF

1. Bla ħsara għall-Artikolu 47(1), il-korp PPP jagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u kwalunkwe persuni oħra awtorizzati

minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-bini tiegħu u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'forma elettronika, meħtieġa sabiex iwettqu l-awditi tagħhom.

2. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 <sup>(2)</sup> bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjati mill-korp PPP.

3. Bla ħsara għall-paragrafi 1 u 2, kuntratti, ftehimiet u deċiżjonijiet tal-korp PPP jinkludu dispożizzjonijiet espressament li jagħtu s-setgħa lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-OLAF biex jitwettqu tali awditi u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

#### KAPITOLU 10

##### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI U TRANŻITORJI

#### Artikolu 49

##### Talbiet għall-informazzjoni

Il-Kummissjoni u l-membri tal-korp PPP minbarra l-Unjoni jistgħu jitlobu kull informazzjoni jew spjegazzjoni neċessarja mill-korp PPP rigward materji baġitarji fi ħdan l-oqsma tal-kompetenza tagħhom.

#### Artikolu 50

##### Adozzjoni tar-regoli finanzjarji tal-korp PPP

Kull korp imsemmi fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jadotta regoli finanzjarji ġodda fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2014 jew, fi kwalunkwe każ, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha korp PPP jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 209 ta' dak ir-Regolament.

#### Artikolu 51

##### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---